KUNSILL LOKALI NADUR

**Minuti ta' l-Erbghin (40) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**

**L-Erbgha, 8 ta' Novembru, 2017, fil-6.30pm**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Luke Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Skuzati:**

| | |
|---|---|
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

**1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camillieri skuzat peress li imsiefer. Il-Kunsill qabel li jigi skuzat.

**2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tad-disgħa u tletin (39) laqgħa tal-5 ta' Ottubru, 2017, fil-5.30pm, 2017 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u dikjarati bħala dokument uffiċjali.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mil-Kunsilliera.

- ***Komunikazzjoni Mal-MGOZ:***

Is-Sindku nnota li intbagħtu ittri lil-MGOZ rigward l-Irdum fi Triq Għajn Qasab, Triq David Cocco Palmeri biex jintlaħaq kompromess fuq il-parti d-dejqa ta' din it-Triq mal-propjetarji tar-raba' u kif ukoll rigward għajnuna għac-Charter 2018. Is-Sindku talab ukoll lis-Segretarja tagħti update dwar għajnuna mill-MGOZ għal materjal tal-bankini.

- ***Ġemellaġġi:***

Is-Sindku ta update rigward il-mawra ta' Cicciano li kienet ta' success fejn gejna milqugħa tajjeb ħafna. Is-Sindku Edward Said gie moghti c-Cittadinanza Onorarja ta' Cicciano f'din iz-zjara. Is-Sindku nnota li ta' Cicciano gejjin ghal Nadur 8K u anke Karnival. Hu kompla jghid li hemm il-possibilita' li immorru Baveno u li ta' Zafferena jidhru li gejjin ghal Karnival tan-Nadur 2018.

- ***Laqgħa dwar Sound Karnival:***

Is-Sindku nnota li l-laqgħa saret mal-parteċipanti tal-Karrijiet. F'din il-laqgħa ġie nnotat li sound fuq il-karrijiet mhux aċċettat u ser ikun hemm mużika mat-toroq b'DJ differenti kull lejl imqabbad minn naha tal-Kunsill Lokali fejn jiġi ikkontrollat.

- ***Patch fi Triq Madonna Ta Lourdes:***

Is-Sindku qara ittra mingħand il-Perit tal-Kunsill fejn jidher li mhux bilfors il-problema tiġi solvuta b'patch. Il-Kunsill qabel li din l-issue għandha terġa titqajjem mal-Perit biex ma jsirx xogħol u spejjeż għalxejn. Dr. Rita Mifsud talbet naraw kemm hi vijabbli.

- ***VL tas-Segretarju Ezekuttiv biex jiġi approvat:***

Il-Kunsill qabel li jiġi approvat għas-sena 2018 l-ammont pendenti tal-VL tas-Segretarja (280.75 hours) peress li għamlet żmien weħidha fl-uffiċċju mingħajr skrivan u minħabba xogħol u deadlines li riedu jintlaħqu fil-ħin. Kien hemm qbil li s-Segretarja għandha tieħu VL fix-xahar ta' Diċembru 2017 ukoll.

- ***Latrina ta' Daħlet Qorrot:***

Is-Segretarja nformat lil Kunsilliera li minbarra l-bdil tal-batterija, t-technican kellu ibiddel ukoll xi parti tal-panelli u għandu jerġa jiġi fuq il-post jara jekk taħdimx is-sistema.

## 4. Korrispondenza.

(5992) Ċirkulari AKL 95/2017- EDIC Seminar – Food Waste Management, Organic & Nutrition – Tuesday 14th November 2017

(5993) Ċirkulari AKL 78/2017 Riċiviment tal- Milied

(5994) Inizjattiva – Korsijiet Lifelong Learning 2017-2018 (Ċirkulari Numru 7/2017). Ġie deċiz li tiġi applikata din l-iskema fuq affarijiet bhal imwejjed, siġġijiet u board għal dawn il-korsijiet.

(5995) Ittra mingħand Dr. Nadia Vella LL.D – rigward tindif Triq Diċembru Tlettax

(5996) Ċirkulari AKL 91/2017 – formola għall- Akkomodazzjoni u ikla ta' filgħaxija għat- tfal

(5997) Ċirkulari AKL 94/2017 – Ċirkulari Multi mill- Awtorita tas- Saħħa u Sigurita fuq il -post tax -xogħol

(5998) Inizjattiva Finanzjara favur il- Komunita – Librerji Lokali / Regjonali (Ċirkulari Numru 22/2017)

(5999) CIR AK 95/2017 – Għeluq ta' Toroq

(6000) CIR AKL 93/2017 – Man up Stand up Gala Dinner

(6001) E-mail rigward leakage fil- fossa tad- drenaġġ Tal -barracks

(6002) E-mail rigward Zjara Tal – Eċċellenza tagħha l-President. Ġie deċiz li l-President ser tiġi tara l-Wirja tal-Pasturi Maltin fis-sala tal-Kunsill. Ħawnhekk tingħata d-donazzjonijiet kollha tal-għaqdiet u wara tinzel minn Triq Dicembru 13th fejn imbgħad tidħol il-muzew tas-Subien tisma l-Christmas Carols mingħand it-tfal.

(6003) CIR AKL 92/2017 – Data u ħin tas-sessjoni ta' taħrig rigward is- Sit Elettroniku ta' l- Awtorita ta' l-Ippjanar

(6004) Ittra mingħand Awtorita Għas- Saħħa u s- Sigurta fuq il-post tax -Xogħol rigward multa. Is-Sindku nnota li ser nistennew risposta qabel jsir il-ħlas tal-multa mingħand AKL.

(6005) CIR AKL 89/2017 – Ic- Cavetta launch

(6006) E-mail – Commonwealth Local Govt Conference 21-24 November 2017

(6007) CIR AKL 90 – Town twinning Valletta – Kumasi

(6008) Europe for Citizens Programme 2014-2020 – Seminar ta' informazzjoni u taħrig – 16 ta' Novembru 2017

(6009) Cir AKL 74/2017 – EDIC Publication "I Love Leftovers" Reminder

(6010) Ċirkulari Nu 33/2017 – L-Att dwar ix- Xandir (Kap 350)

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**KUNSILL LOKALI NADUR**

(6011) E-mail minghand Eco Gozo rigward 'Restoration Scheme'- Kien hemm suġġeriment minghand il-Viċi Sindku Eucharist Camileri biex isir restawr fuq l-Għar ta' Mixta. Il-Kunsill qabel li tiġi diskussa din il-possibilita mal-Perit tal-Kunsill.

(6012) Performance Appraisals Għas- sena 2017

(6013) OPM Circular no 21/2017 Death of Ms. Daphne Caruana Galizia

(6014) Cirkulari Numru 32/2017 – Kjarifika dwar Permessi mahruga mill- Kunsilli Lokali skont L.S. 441.04

(6015) CIR AKL 87/2017 – European Youth Event 2018

(6016) Cirkulari Numru 31/2017 – Proċedura stabbilita għal Meta jinbidel is- Seġretarju Eżekuttiv ta' Kunsill Lokali

(6017) Avviz dwar Ittra 'Sejħet is-Sigar'

(6018) Commonwealth Local Government Conference – 21-24 ta' Novembru 2017

(6019) ENI CBC MED Programme: 1st Call for Project Proposals – Deadline Extended to 15th December 2017

(6020) Cirkulari Numru 22/2017 – Inizjattiva Finanzjara favur il- Komunita – Librerji Lokali / Regjonali.

(6021) CIR AKL 83/2017 – Commonwealth Local Government Conference 2017

(6022) Inizjattiva Finanzjara favur il- Komunita – Libreriji / Regjonali (Cirkulari Numru 22/2017). Is-Segretarja ser tara jekk hemmx wifi fil-librerija u jekk m'hemmx tiġi applikata din l-iskema.

(6023) CIR AKL 82/2017 – Registrazzjoni għħs-sit Elettroniku ta' l- Awtorita Tal -Ippjanar

(6024) Avvizi Legali 268/2017 u 269/2017 li jemendaw ir- Regolamenti Finanzjarji tal- Kunsilli Lokali

(6025) Cir AKL 46/2017 – Inizzjattiva MCCF

(6026) Cir AKL 76/2017 CLGC 2017 – Young leaders Forum, Valletta, Malta 20 – 21 Nov 2017

(6027) Cir AKL 75/2017 – Pink October – MJCL

(6028) Cir AKL 57/2017 – EDIC publication "Let's Walk around Europe" and sustainable travelling competition

(6029) Avvizi Legali 266-2017; 267/2017 u 268/2017 li jemendaw ir- Regolamenti Finanzjarji tal- Kunsilli Lokali

(6030) PQ 1701

(6031) CIR AKL 78/2017 – Riciviment Tal -Milied

(6032) Cirkulari Numru 22/2017 – Inizjattiva Finanzjara favur il- Komunita – Librerji Lokali / Regjonali

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

(6033) CIR AKL 79/2017 – Inizzjattiva 'Tetra għal- Istrina'

(6034) Cirkulari Numru 30/2017 – Twettiq ta' progetti utli ghall- Komunita bla spejjez ghal -Kunsilli Lokali

(6035) Ittra mingħand MUSEUM (subien) rigward kollaborazzjoni fl-attivitajiet tal-Milied 2018 flimkien mal-Kunsill Lokali. Il-kunsill qabel fuq dan il-kollaborazzjoni f'dawn l-attivitajiet.

(6036) 775/2017 – Commitment letter: Inizjattiva finanzarja – għoti mill – gdid ta' tarmak lil Toroq fir-responsabilita Tal- Kunsilli Lokali (Nadur L.C) (DLG 17/2017) – (ICA)

(6037) Cir AKL 46/2017 – Inizzjattiva MCCF

(6038) SME Week Malta 2017 – Women Mean Business: 2$^{nd}$ Edition – Half –day Conference – Thursday, 19$^{th}$ October 2017

(6039) CIR AKL 81/2017 – Laqgħa tas- Sindki, 15 u 16 ta' Dicembru 2017, Grand Hotel, Mgarr, Għawdex – formoli tar -Registrazzjoni

**5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku nnota li l-Quarterly Report kellu jiġi pospost għal laqgħa li ġejja minħabba raġunijiet personali tal-Accountant tal-Kunsill. Is-Segretarja nnotat li l-ammont ta' €10,000 fuq l-iskema Proġetti Kapitali daħlu ukoll.

Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-paġamenti li gew approvati. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk kollha preżenti.

**6. Attivitajiet – Halloween (post mortem), Jum il-Kunsill, Nadur 8K, Milied 2017, Librerija, Karnival 2018, Charter 2018;**

***Halloween*** – Is-Sindku nnota li din l-attivita' kienet ta' success fejn kien hemm attendenza kbira ta' tfal u genituri u li allura jawgura tajjeb ghal futur.

***Nadur 8K*** – Is-Sindku nnota li ser teħel banner fi Triq ir-Rabat (ta' Xhajma) ta' din l-attivita'. Bhala applikazzjonijiet hemm ħafna applikanti Maltin u tfal. Is-Sindku kompla jgħid li ġew ordnati t-tazzi u l-medalji u ser ikun hemm showers għal wara għal l-applikanti ukoll.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***Attivitajiet marbuta ma' Jum il-Kunsill 2017:***

- *Blood donation* – Is-Sindku nnota li l-Blood Donation li itellghet bl-għajnuna tac-Ċentru Parrokjali kienet ta' success kbir u kien hemm madwar 50 persuna li taw id-demm.

- *Gieħ in-Nadur* –Din is-serata ser titella' gewwa l-MBC is-Sibt 11 ta' Novembru fejn il-Premju ser jingħata lis-Soċjeta Filarmonika Mnarja. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud għamlet suggeriment sabiex nesploraw il-possibilita li s-sena d-dieħla nerggħu nibdew nagħmlu serata fil-Kunsill li tirrikonoxxi ħidma ta' volontiera u nies li għenu lil Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

- *Ħarga Anzjani*- Din l-attivita' ser tkun fil-15 ta' Novembru. Dawn ser immorru gewwa Savina Creativity Centre fix-Xewkija, quddiesa ta' Nazzerenu fix-Xagħra u wara ikla buffet gewwa l-Horizon Restaurant. Kien hemm qbil li peress din il-ħarga ser titella parti minn l-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill, u l-ikla ser tiswa aktar mis-soltu, il-Kunsill ikopri id-differenza.

- *Quddiesa Jum Kunsill*- is-Sibt 18 ta' Novembru fis-6:30p.m. Ġie deċiz li jiġu mistiedna l-għaqdiet u l-voluntiera kollha għal din l-quddiesa.

- *Sports Day Muzew* – Din ser tittella bhala parti minn Jum Dinji tat-Tfal nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru.

- *Clean Up* – Din ser tinzamm nhar is-Sibt, 25 ta' Novembru minn Nadur Nadif u Luke Galea ser jagħti aktar informazzjoni l quddiem.

- *Joe Tabone Tournament* – dan ser jinzamm nhar il-Ħadd, 26 ta' Novembru u Antoinette Tabone ser tipprezenta midalji u tazzi.

- *Wirja tal-Pastur Malti fil-sala tal-Kunsill Lokali tan-Nadur*- din ser tinzamm nhar is-Sibt, 25 ta' Novembru organizzata minn Ghaqda Hbieb Presepji Nadur.

Il-Kunsillier Dr Josianne Cutajar dahlet ghal laqgha f'dan il-hin peress li tilfet il-vapur.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***Milied 2017***- Is-Sindku nnota li l-Attivita' tat-Tfal ser tkun fl-20 ta' Diċembru u f'kaz ta' maltemp isir fil-21 ta' Novembru. Ikun hemm Santa's house, ritratt ma' Santa u divertiment għal-familja kollha. Il-Kwotazzjoni tat-tizjin tad-dawl tal-Milied tagħlaq fil-15 ta' Novembru fejn wara jiltaqa' l-Board tal-Evalwazzjoni. Kien hemm qbil bejn il-membri kollha tal-Kunsill li jekk ikun hemm kwotazzjoni waħda biss ma jiltaqax il-Kunsill b'laqgħa ta' Urġenza u joqgħod fuq ir-rakkommandazzjoni tal-bord. Is-Sindku informa lil Kunsilliera li qed jitkompla x-xogħol fuq in-Nativita li ser tkun fil-Pjazza San Pietru u San Pawl. Rigward il-ħarga tal-anzjani tal-Milied gie maqbul li jmorru l-Kunvent Santu Wistin. Kien hemm qbil ukoll li tingħata għajnuna lil Muzew tas-Subien għal programm tal-Milied u anke fit-twaħħil tal-istilla tal-Millied. Kien hemm qbil ukoll li jerggħu jinxtraw hampers għal volontiera bhala ringrazzjament mingħand Abraham Supplies.

***Librerija***- Is-Sindku nnota li fl-attivita' fis-16 ta' Dicembru fil-Librerija ser ikun hemm tagħlim, muzika, rigali, self ta' kotba u divertiment. Kien hemm qbil fuq dan.

***Karnival 2018-*** Is-Sindku nnota li ser tinħareg l-kwotazzjoni għas-Sound tal-Karnival. Hu tkellem mal-Kunsilliera rigward xi DJs li huma popolari għal Karnival spontanju. L-applikazzjonijiet tal-Karnival Organizzat ser jinħargu fil-ġranet li ġejjin u għal din is-sena ġie deċiz li mhux ser tieħu sehem il-banda Maltija. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

***Charter 2018-*** Is-Sindku nnota li ġie ikkonfermat li V18 u GTA ser jgħinnu f'din l-attivita'. Il-Kunsill bgħat ukoll ittra għal għajnuna lil MGOZ. Delicata u GSD ser jgħinuna ukoll. Is-Sindku nnota li meta l-Viċi Sindku Euharist Camilleri jasal irid jaħdem fuq lodging.

**7. Manutenzjoni, Toroq u Pjazza:**

- ***Offerta NLC/21/2017 Tender for Major patching of part of Triq il-Qortin, Nadur with hot rolled asphalt-*** Din ġiet mogħtija lil Roads Construction bħala l-irħas offerta konformi wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.
- ***Offerta NLC/20/2017 Service tender for the collection of bulky refuse in an environmentally friendly manner*** - Din ġiet mogħtija lil Nicholas Zammit li kien l-uniku bidder, bħala l-unika offerta konformi wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.
- ***Triq Ramla*** – Is-Segretarja infurmat li għandna nirċievu fondi tal-iskema Proġetti Kapitali li mbagħad jistgħu jintuzaw għal dan il-għan.
- ***Bankina Pjazza minhabba aċċessibilita***. Is-Sindku nnota li ser ikellem lil Kuntrattur Simon fuq din il-bankina biex titranga.
- ***Bankina Ġnien Ħali minħabba aċċessibilita-*** Ġie deċiz li inkellmu lil Perit tal-kunsill fuq din u titranga.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- ***Triq tal-Bajja ta' San Blas-*** Kien hemm qbil biex naraw fejn hemm ħsara, ingibu stima u niddiskutuha.
- ***Jitrangaw tabelli ta' Gnien Kenuna-*** Is-Sindku nnota li dawn ser jiġu irrangati ukoll.
- ***Pjanti li nxtraw għal Pjazza-*** Is-Sindku nnota li ser jinxtraw pjanti għal Pjazza peress li l-oħrajn mietu minħabba li kien hemm min xeħet xi ilma bid-detergents. Issa twaħħlu ukoll tabelli ġo kull qasrija.
- ***Toilet Dispensers***- Dawn ġew ordnati għal latrini.
- ***Xogħol fuq Dawl shelter, Pjazza Brazz u Pompa Kenuna*** – Is-Sindku nnota li Jean Paul Buttigieg ser jieħu ħsieb dawn.

8. ***Open Market Nadur***:

- Is-Sindku informa lil Kunsilliera li kellu laqgħa mas-Supretendent rigward il-Monti. F'din il-laqgħa ġejna informati li l-Kunsill għandu jirregola l-monti peress li kien hemm rapporti fuqu. Is-Sindku talab lil Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar u Dr. Rita Mifsud biex jaraw il-process meħtieg skond il-ligi sabiex nibdew nirregolarizzawh

## 9. Bring-in-Sites u Indafa Pubblika:

Is-Segretarja infurmat lil Kunsilliera li ser isir l-installazzjoni tal-CCTV fil-ġranet li ġejjin hdejn l-iskola Primarja.

L-Ambaxxatur għaz-zgħazagħ Luke Galea ta update fuq il-grupp Indafa Pubblika. Dawn issuggerixxew li dan il-grupp jingħata titlu 'Nadur Nadif' u li jingħata tip ta' premju lil residenti li jgħinu biex it-triq tagħhom tinzamm aktar nadifa. Huma issuggerixxew ukoll li jitwaħħlu aktar bins fil-Ġnien ta' Kenuna. L-istess grupp ser jaghmel Clean Up f'Novembru.

## 8. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku;

- Talba għal Bozza fi Triq F S Sciortino
- Talba għal sement fi Triq ta' Kenuna minħabba l-ilma.
- Talba għal sement fit-tarag tal-bajja ta' San Filep.
- Talba għal bankina tal-familja Theuma fi Triq il-Knisja.
- Talba għal double yellow line fi Triq Ħida.
- Talba għal sement taħt rampa tal-familja Portelli fi sqaq ma Triq il-Qala.
- Talba għal sement taħt bankina tar-residenza Ritles fi Triq San Blas.
- Talba biex titranga bankina fi Triq Dahlet Qorrot.
- Talba għal patching fi Triq Wieh ir-Rihan.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- Talba għal sement fir-rampa ta' Zammit fi Triq San Blas.

- Dr Josianne Cutajar innotat bi pjacir li se tigi indirizzata l-problema tad-dlam fil-Gnien u l-Partita ta' San Blas peress li kienet ilha tqajjem din il-problema. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar fakkret rigward bankina fi Triq San Blas. Dr. Josianne Cutajar staqsiet ukoll rigward hofra li kien hemm fi Triq il-Knisja li kien hemm xi rapporti fuqha qabel. Is-Segretarja nnotat li ma kien hemm l-ebda rapport fil-passat fuq din il-ħofra izda malli waqghet persuna ġiet kunsill tgħidilna u dak il-ħin stess marru l-ħaddiema tal-kunsill jirrangawha. Il-Kunsilliera informat ukoll rigward kelb li qed iħammeg fi Triq Telegraph. Il-Kunsill ser jara jsirx jaf ta' min hu u ikellem lis-sid. Hi għamlet talba ukoll rigward il-bin tal-ħġieġ li hemm fi Triq il-Kappillan biex jicaqlaq minn postu peress li sid il-garaxx qed isibha difficli biex johrog il-karozza. Is-Sindku nnota li dan kien fil-Pjazza 28 ta' April 1688 u diġa' iccaqlaq . Il-Kunsilliera ssuġġerit li jinzammu kull korrispondenza fuq Finanzi u Procurement f'folder separat. Is-Segretarja nnotat li qed izomm kollox. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar informat ukoll lill-Kunsilliera li fid-diskors tal-Budget il-Ministru ghal Ghawdex semmiet Triq l-Imġarr fejn intqal ukoll li qabel jibda x-xoghol fuq din it-triq iridu jsiru l-istudji mehtiega ghax mhijiex triq kwalunkwe. Hi qalet li tkellmet ukoll mal-Ministru għal Għawdex fejn informatha li ser jibdew l-preparamenti mehtiega biex isiru l-istudji necessarji fuq din it-Triq.

## 12. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fis-8.00pm. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa 6 ta' Diċembru, 2017 fis-6:30p.m

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |